MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Numru 978/2009

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

vs

Joseph Fenech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita numru 389956M, akkuzat talli fix-xahar t’Awissu 2009 u xhur qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula minnu b’rizoluzzjoni wahda:

1. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza lill-persuna ta’ l-Ispettur Stephen Mallia u cioe wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li

jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel hsara lil Stephen Mallia ID 140868M, akkuzah quddiem awtorita' kompetenti b'reat fil-waqt li kien jaf li kien innocenti;

3. fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-qerq holoq jew geghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi sabiex dan il-fatt jew cirkostanza, jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra Stephen Mallia ta' karta ta' identita' numru 140868M, bil-hsieb li b'hekk Stephen Mallia jkun jista jigi kontra s-sewwa akkuzat jew misjub hati ta' reat;

4. fl-istess zmien u cirkostanzi, iddenunza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella b'qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

5. fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef il-giegh ta' Stephen Mallia, wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni generali skond Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Stephen Mallia u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F'kaz ta' htija l-Qorti mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Stephen Mallia u l-familja tieghu ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikoli 95, 101, 110, 252, 17 tal-Kap 9 tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u dana wara li semghet l-partijiet u l-apologija moghtija u accettata seduta stante.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------